MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1734/2002

**Edgar Buttigieg**

**Vs**

**Vincenzo Xuereb**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm350), danni sofferti mill-attur meta l-konvenut waqt li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru KAA 084 fis-7 ta’ Marzu 2002 gewwa l-Msida habat mal-vettura bin-numru GAM 526 propjeta ta’ l-attur u kkaguna danni f’din l-istess vettura.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta t-talba ta’ l-atturi.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.
Ikkunsidra:-

1. Il-fatti huma s-segwenti:-

a. Fis-7 ta' Marzu 2002 sehh incident tat-traffiku f'St. Joseph Drive, Msida.

b. L-attur kien qieghed isuq il-vettura bin-numru GAM 526 u l- konvenut il-vettura bin-numru KAA 084.

c. L-attur ried imur fid-direzzjoni ta' Floriana filwaqt li l-konvenut kien sejjer lejn l-Isptar San Luqa. Il-konvenut gie min-naha ta' Ta' Xbiex.

**L-attur** xehed [seduta ta' l-20 ta' Marzu 2003] li:-

(a) Huwa dejjem baqa' fl-istess karreggjata;
(b) Il-vettura misjuqa mill-konvenut bidlet id-direzzjoni. Fil-fatt ighid li minn fuq ix-xellug tieghu kisret vettura ghal fuq in-naha l-ohra;
(c) Il-vettura misjuqa minnu laqtet il-parti ta' wara [fil-gemb] il-vettura KAA 084 u bid-daqqa l-vettura tal-konvenut daret u giet thares fid-direzzjoni tal-knisja ta' l-Msida;
(d) Jaqbel ma dak li jidher fl-iskizz imhejji mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz;
(e) L-ewwel darba li ra l-vettura tal-konvenut kien ma' l-impatt.

2. **Il-konvenut** xehed [seduta tat-22 ta' Mejju 2003] li:-

(a) Kien hemm it-traffiku quddiemu li kien sejjer fid-direzzjoni ta' Valletta;
(b) Il-vettura li kien qieghed isuq garrbet hafna hsara u giet dikjarata *beyond economical repair*;
(c) Huwa kien fit-tieni karreggjata min-naha tal-gnien fuq il-lemin tieghu;
(d) Lill-attur ma rahx;

(e) Kellu l-indicator mixghul u vetturi ma kienux gejjin;
(f) It-traffiku kien mixi bil-mod;
(g) Meta sehh l-incident kien diga' sab postu fil-karreggjata.

3. Fl-okkorrenza li saret mill-pulizija naqraw il-verzjonijiet li taw il-partijiet (fol. 28):-

**Attur**:- *Stated that while he was proceeding from Valley Rd, Msida towards the direction of Valletta, on the outer lane saw car reg. no. KAA 084, which was in front turning to the right, when same skidded. Consequently my vehicle collided into the rear part of said car.*

**Konvenut**:- *Stated that while he was proceeding from Ta' Xbiex to turn to Msida seafront, on the outer lane (turning with Msida Gardens), with the indicator on indicating towards the right, when car reg. no. GAM 526 dashed into the rear right mudguard of his vehicle, consequently the car turned facing the opposite direction (the church) and dashed into the barrier.*

4. Mill-atti jirrizulta li l-verzjoni moghtija mill-attur ma tikkombacjax mal-verzjoni li hija riportata fl-okkorrenza tal-pulizija. Filwaqt li meta xehed quddiem it-Tribunal l-attur iddikjara li l-ewwel darba li ra l-vettura tal-konvenut kienet ma' l-impatt u ma semmiex li l-vettura tal-konvenut skiddjat, fil-verzjoni li ta lill-pulizija huwa attribwixxa l-incident ghal fatt li l-vettura ta' quddiemu [dik tal-konvenut] skiddjat. It-Tribunal ma jistax jifhem kif l-attur ighid li huwa ra l-vettura tal-konvenut ma' l-impatt meta skond hu din kienet tinsab quddiemu. F'kull kaz sewqan prudenti jitlob li l-vettura ghandha zzomm distanza bizzejjed mill-vettura ta' quddiemha sabiex f'kaz ta' emergenza x-xufier ikollu bizzejjed hin sabiex jirrejagixxi f'waqtu ghall-manuvra li taghmel il-vettura ta' quddiemu. Inoltre, fl-okkorrenza [fil-verzjoni ta' l-attur] ma jinghadx li l-vettura misjuqa mill-konvenut qasmet il-karreggjata minn fuq ix-xellug ta' l-attur bil-konsegwenza li l-vettura ta' l-attur laqtet dik tal-konvenut fil-parti ta' wara.

Fl-okkorrenza jinghad li l-attur qal li l-vettura tal-konvenut kienet quddiemu.

5. Huwa maghruf li min jallega jrid jipprova. L-oneru qieghed fuq l-attur li jaghti prova li l-incident sehh tort tal-konvenut. Il-provi li ghandu quddiemu t-Tribunal huma skarsi hafna u m'humiex tali li jistghu jwassluh sabiex jemmen verzjoni ghas-skapitu ta' ohra. Dan apparti l-fatt li l-attur ma kienx konsistenti bejn il-verzjoni li ta lill-pulizija li nvestiga l-kaz u meta xehed quddiem it-Tribunal. Fic-cirkostanzi t-Tribunal jemmen li m'ghandux triq ohra ghajr li jichad it-talba ta' l-attur.
Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------